



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.11.2006
KUMM(2006) 764 finali

2006/0255 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li temporanjament jirrevoka l-aċċess għall-preferenzi tariffarji ġeneralizzati lir-
Repubblika tal-Belarus**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Is-sistema ta' preferenzi ġeneralizzata tal-Komunità (il-“GSP”, generalised system of preferences) tipprovdi għat-tneħħija totali jew parzjali ta' l-arranġamenti preferenzjali għall-prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju taħt ċerti ċirkustanzi, inkluż minħabba ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet “tad-drittijiet ewlenija tal-bniedem u tal-ħaddiem” tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).
2. Ir-Repubblika tal-Belarus hija inkluża fil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tal-GSP.
3. Fi tmiem l-2003, fuq l-insistenza ta' l-għaqdiet tal-ħaddiema internazzjonali, il-Kummissjoni ppubblikat id-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għal investigazzjoni ta' ksur allegat ta' libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għan-negozjar kollettiv fil-Belarus.
4. Il-Kummissjoni investigat il-qafas istituzzjonali, l-istituzzjonijiet ewlenin, l-istruttura tas-sħubija soċjali u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Belarus, qabblithom ma' l-istandards internazzjonali u għamlet użu mill-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' l-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Kumitat tagħha ta' Esperti, kif ukoll ir-rapporti tan-NU. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ Kumitati ta' l-ILO huma r-referenza ewlenija fuq l-interpretazzjoni tal-liġi internazzjonali tax-xogħol u r-regoli tal-korrelazzjoni bejn l-istandards nazzjonali u dawk internazzjonali. Ix-xhieda mogħtija mill-partijiet interessati nazzjonali primarji, u l-organizzazzjonijiet imsieħba tagħhom fil-livell internazzjonali kienet issupplimentata minn intervisti ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-gvern u ta' min iħaddem, kif ukoll l-aġenziji internazzjonali rilevanti kollha, NGOs u persunal tal-Kummissjoni Ewropea.
5. Mill-investigazzjoni nstab li l-Belarus qiegħed jimpedixxi d-dritt ta' twaqqif ta' organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, id-dritt ta' organizzazzjoni, id-dritt ta' għażla bejn organizzazzjoni tal-ħaddiema u oħra, u d-dritt ta' għarfien legali u ta' ffinanzjar barrani lil dawn l-organizzazzjonijiet. Il-Belarus qiegħed jippromwovi d-diskriminazzjoni kontra l-għaqda fil-ħaddiema u t-taħlil jew is-sospensjoni ta' l-għaqdiet tal-ħaddiema.
6. Flimkien ma' l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, l-ILO waqqfet “Kummissjoni ta' Inkjesta” li, fir-rapport tagħha ta' Lulju 2004, ifformulat tnax-il rakkomandazzjoni li l-Gvern tal-Belarus kien meħtieġ jikkonforma magħhom qabel Ġunju 2005, sabiex jirmedja l-applikazzjoni mhux sodisfaċenti tal-Konvenzjoni Nru 87 ta' l-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt ta' Organizzazzjoni, u l-Konvenzjoni Nru 98 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u ta' Negozjar Kollettiv.
7. Konformi mal-proċedura stabbilita fir-regolament GSP, il-Kummissjoni ddeċidiet tiftaħ perjodu ta' sitt xhur biex tissorvelja u tevalwa l-qagħda fil-Belarus u, hi u tagħmel hekk, ikkonċediet lill-Belarus aktar ħin biex jagħti l-impenn tiegħu li jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mal-Prinċipji u d-Drittijiet Fondamentali fuq ix-Xogħol, kif hemm fit-tnax-il rakkomandazzjoni fir-rapport ta' Lulju 2004 tal-Kummissjoni ta' Inkjesta ta' l-ILO.

8. Il-Belarus m'għamilx l-impenn mitlub fi żmien dan il-perjodu ta' sitt xhur ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (sa Marzu 2006) Il-Kummissjoni madankollu baqgħet tanalizza s-sitwazzjoni fil-Belarus, iżda, kif hemm spjegat fil-premessi ta' l-abbozz tar-Regolament, sa Ottubru 2006, il-Belarus m'għamilx impenn sodisfaċenti. Ir-raġunijiet għar-revoka temporanja ta' l-arranġament preferenzjali għall-prodotti li joriġinaw fil-Belarus għalhekk għadhom hemm u, minħabba l-issuktar tal-vjolazzjoni tad-drittijiet speċifikati hawn fuq, jibqgħu dejjem iżjed urġenti jum wara jum..
9. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005, il-Kunsill għandu jiddeċiedi fi żmien xhar b'maġġoranza kkwalifikata dwar il-proposta mill-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill jiddeċiedi favur ir-revoka temporanja, ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara li tittieħed id-deċiżjoni, sakemm ma tinbidilx il-qagħda qabel.
10. Il-qagħda għandha tinżamm taħt sorveljanza, sabiex jista' jseħħ it-twaqqif mill-ġdid ta' l-arranġament preferenzjali għall-prodotti li joriġinaw fil-Belarus jekk il-vjolazzjonijiet tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' negozjar kollettiv fil-Belarus ma jibqgħux jeżistu.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li temporanjament jirrevoka l-aċċess għall-preferenzi tariffarji ġeneralizzati lir-Repubblika tal-Belarus

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 ir-Repubblika tal-Belarus (minn hawn 'il quddiem 'il-Belarus') huwa pajjiż benefiċjarju ta' l-iskema tal-Komunità ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati.
- (2) Fid-29 ta' Jannar 2003, il-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions (ICFTU), il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC) u l-Konfederazzjoni Dinjija tax-Xogħol (WCL) għamlu talba konġunta, lill-Kummissjoni, għal investigazzjoni li għandha sseħħ skond l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 2501/2001 ta' ksur allegat tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tad-dritt għal negozjar kollettiv fil-Belarus.
- (3) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba, b'konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Preferenzi Ġeneralizzati, u ddeċidiet, b'Deċiżjoni tad-29 ta' Diċembru 2003², li tagħti bidu għal investigazzjoni. Intalbet l-informazzjoni mill-partijiet interessati, permezz ta' avviż ippubblikat³.
- (4) L-awtoritajiet tal-Belarus kienu avżati formalment bil-ftuħ ta' l-investigazzjoni. Huma ċaħdu li kien hemm xi ksur tal-Konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nru 87 (li tirrigwarda l-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt ta' Organizzazzjoni) u Nru 98 (li tirrigwarda l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u ta' Negozjar Kollettiv).

¹ ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.

² ĠU L 5, 9.1.2004, p. 90.

³ ĠU C 40, 14.2.2004, p. 4.

- (5) L-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni tul il-kors ta' l-investigazzjoni mmexxija b'konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Preferenzi Ġeneralizzati iżda kkorborat l-eżistenza ta' ksur serju u sistematiku tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' negozjar kollettiv skond il-Konvenzjonijiet ta' l-ILO Nru 87 u 98. Fost ħwejjeġ oħra, il-Kummissjoni saret taf li l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol eżaminat il-qagħda fil-Belarus għal dak li għandu x'jaqsam maż-żewġ konvenzjonijiet u bdiet l-investigazzjoni rispettiva tagħha stess f'Novembru 2003. Ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta li rriżulta ta' Lulju 2004 kien fih 12-il rakkomandazzjoni biex jittieħdu miżuri speċifiċi biex titjieb il-qagħda fil-Belarus. Il-Belarus kien imħeġġeġ ġimplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet sa l-1 ta' Ġunju 2005, u dan ma seħħx. Fuq il-bażi ta' dan it-tagħrif u mill-analiżi tagħha stess, il-Kummissjoni qieset li r-revoka temporanja ta' l-arranġament preferenzjali kienet ġustifikata.
- (6) Fis-17 ta' Awwissu 2005, il-Kummissjoni ddeċidiet li tissorvelja u tivvaluta l-qagħda tad-drittijiet tax-xogħol fil-Belarus⁴. It-tħabbir tal-bidu tal-perjodu ta' sitt xhur għal din is-sorveljanza u l-valutazzjoni⁵ kien fih stqarrija dwar il-ħsieb tal-Kummissjoni li tibgħat proposta lill-Kunsill għar-revoka temporanja tal-preferenzi kummerċjali, sakemm, qabel tmien dan il-perjodu, il-Belarus ma jkunx ta' impenn li jwettaq il-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mal-prinċipji msemmija fl-Istqarrija ta' l-ILO ta' l-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, kif jinsab fit-tnaqqas il-rakkomandazzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta ta' Lulju 2004. L-awtoritajiet tal-Belarus kienu avżati uffiċjalment bid-deċiżjoni u bit-tħabbira.
- (7) Il-Belarus ma tax l-impenn meħtieġ fi żmien il-perjodu ta' sitt xhur ta' sorveljanza u valutazzjoni u lanqas kif deskritt hawn taħt, matul ix-xhur ta' wara. Minflok, fit-30 ta' Marzu, l-awtoritajiet tal-Belarus ippreżentaw lill-Kummissjoni sottomissjoni dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-libertà ta' assoċjazzjoni fil-Belarus. Il-Kummissjoni analizzat din is-sottomissjoni iżda kkonkludiet li ma pprovdietx biżżejjed evidenza ta' impenn
- (8) Sadaniant, il-Korp ta' Tmexxija ta' l-ILO adotta r-rapport ta' segwitu tal-Kumitat dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni (Committee on Freedom of Association CFA) f'Marzu 2006, li fih ġibed l-attenzjoni dwar kemm il-qagħda tad-drittijiet tat-trejdjunjins attwalment marret għall-aġar fil-Belarus u ħeġġeġ l-awtoritajiet tal-Belorusja jieħdu minnufih miżuri konkreti.
- (9) Barra minn hekk, il-Kummissjoni irċeviet komunikazzjoni, bid-data tas-16 ta' Mejju 2006, mill-awtoritajiet tal-Belarus dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-libertà ta' assoċjazzjoni fil-Belarus. Bħal ma ġara bis-sottomissjoni tat-30 ta' Marzu 2006, wara analiżi bir-reqqa l-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li din is-sottomissjoni ma pprovdietx ebda sinjal ta' impenn jew xi ħjiel konvinċenti li l-qagħda tgiebet. Din il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Belarus dehret ukoll fir-rapport tal-Kumitat ta' l-ILO f'Ġunju ta' l-2006 dwar l-Applikazzjoni ta' l-Istandards tal-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol, li ddeplora n-nuqqas issoktat mill-Gvern tal-Belarus li ġimplimenta r-rakkomandazzjonijiet u enfażizza l-ħtieġa ta' azzjonijiet rapidi sabiex jista' jiġi nnutat xi progress reali u konkret. Barra minn hekk, il-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol ta' Ġunju 2006, organizzata taħt l-awspiċi ta' l-ILO, ikklassifikat in-nuqqas ta' implimentazzjoni tat-12-ir rakkomandazzjoni, li l-Belarus baqa' jinjora minn Lulju ta'

⁴ ĠU L 213, 18.8.2005, p. 16.

⁵ ĠU C 240, 30.9.2005, p. 41.

l-2004, bħala każ ta' nuqqas issoktat. Din il-klassifikazzjoni eċċezzjonali tintuża biss għal każijiet serji ħafna u sistematiċi ta' non-konformità ma' konvenzjoni rratifikata.

- (10) Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa aġġornament ta' l-iżviluppi fil-Belarus, inkluża ittra mill-Belarus bid-data ta' l-14 ta' Ottubru 2006 u mibgħuta lill-Kummissjoni fis-17 ta' Ottubru 2006. Minflok ma pproduċiet xi impenn effettiv jew evidenza ċara ta' xi titjieb tas-sitwazzjoni, din l-ittra, għal darb'oħra, tippreżenta intenzjonijiet possibbli iżda hija nieqsa minn xi ħjiel ta' implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tal-Konvenzjonijiet Nru 87 u Nru 98 ta' l-ILO. Il-vjolazzjonijiet tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet Nru 87 u 98 ta' l-ILO jissoktaw jeżistu.
- (11) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq l-arranġament preferenzjali għall-prodotti li joriġinaw fil-Belarus għandhom jiġu revokati temporanjament, sakemm jiġi deċiż li r-raġunijiet li jiġġustifikaw ir-revoka temporanja ma jgħoddux aktar.
- (12) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara l-adozzjoni tiegħu, sakemm ma jiġix deċiż li r-raġunijiet li jiġġustifikawh ma jgħoddux aktar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-arranġament preferenzjali għall-prodotti li joriġinaw fil-Belarus stipulat fir-Regolament (KE) Nru 980/2005 huwa temporanjament revokat.

Artikolu 2

Il-Kunsill, hu u jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi mill-ġdid l-arranġament preferenzjali għall-prodotti li joriġinaw fil-Belarus, jekk il-ksur tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' negozjar kollettiv fil-Belarus ma jkunx aktar jeżisti.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-data ta' l-adozzjoni tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President*

**STQARRIJA LEĠIŻLATTIVA FINANZJARJA GĦAL PROPOSTI LI JKOLLHOM
IMPATT BAĠITARJU LI JKUN BISS FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL**

ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		[...]	
		ID-DATA: [...]	
1. L-INTESTATURA TAL-BAĠIT: 120 - € 12 905.4 miljun		L- APPROPRJAZZJONI IET: [...]	
2. IT-TITOLU: Proposta għal Regolament tal-Kunsill li temporanjament jirtira l-aċċess għal preferenzi ġeneralizzati ta' tariffi mir-Repubblika tal-Belarus			
3. BAŻI LEGALI: [...]			
4. L-GĦANIJET: Applikazzjoni ta' l-Artikolu 26(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2501/2001 [li jikkorrispondi għall-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005] – ir-regolament tas-Sistema Ġenerali ta' Preferenza (SGP)- l-irtirar ta' l-arranġamenti preferenzjali mill-Belarus minħabba vjolazzjonijiet serji u sistematiki fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni			
5. L-IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (miljun EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI [n] (miljun EUR)	SENA FINANZJARJA LI ĠEJJA [n+1] (miljun EUR)
5.0 IN-NEFQA - IMĦALLSA MILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - L-AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	[...]	[...]	[...]
5.1 ID-DĦUL - IR-RIŻORSI PROPPI TAL-KE (LEVIES/DAZZI DOGANALI) - NAZZJONALI	[9,0]	[0]	[4,5]
	[n+2]	[n+3]	[n+4]
5.0.1 IN-NEFQA STMATA	[...]	[...]	[...]
5.1.1 ID-DĦUL STMAT	[...]	[...]	[...]
5.2 IL-METODU TAL-KALKOLU: [...]			
6.0 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MINN APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE	
6.1 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MINN TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE	
6.2 SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?		IVA LE	
6.3 L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKOLLHOM JIDDAĦĦLU F'BAĠITS FUTURI?		IVA LE	
L-OSSERVAZZJONIJIET: Mill-Belarus taħt is-sistema tas-SGP: sena importazzjonijiet (EUR) 2002 190 miljun 2003 224 miljun 2004 285 miljun 2005 388 miljun It-telf ta' riżorsi propji għall-2005 huwa stmat għal anqas minn EUR 12 miljun (abbażi tal-valuri <i>cif</i> għal importazzjonijiet ta' l-aktar sebgħin prodott sinifikanti)			